# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2024**

**SS**
**Vs**
**PS**

**Rikors Guramentat : 261 /2007 AGV**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' PS datat 27 ta' Novembru 2023;**

**Jesponi bir-rispett;**

1. Illi b' rikors tas- 17 ta 'Ottubru 2023 l-esponenti kien talab li jiġi regolat contrario imperio kull digriet li jistabbilixxi manteniment favur l-attrici
2. Illi wara li ġiet intavolata risposta tal-attrici ghal dar-rikors – liema risposta ma ġietx notifikata lill esponenti - din l-Qorti b' digriet datat 2 ta' Novembru 2023 ddecidiet ir-rikors bi li cahdet it-talba tal-esponent
3. Illi l-imsemmi digriet tat-2 ta' Novembru 2023 ma kontjeni l-ebda kunsiderazzjoni kwaliasi ghalfejn din il-Qorti waslet biex tichad it-talba tal-esponenti
4. Illi din wehidha hija diġà raġuni suffiċjenti sabiex tali digriet jithassar , u dan kif deċiż drabi ohra mill -Qorti tal-appell bhal per ezempju fid-decizjoni tas- 26 ta' Jannar 2022, moghtija mill -Qorti tal-appell fil-kawza fl-ismijiet Road Construction Co Limited vs Salvu Mintoff and Sons Limited et fejn digriet simili hafna ghal dak li nghata f' dil-kawza gie mhassar ;
5. Illi inoltre' wara l i nghata dad-digriet tat- 2 ta' Novembru 2023, l-esponent ottjena kopja tar-risposta ta' SS ghar-rikors tieghu tas- 17 ta' Ottubru 2023

, li ma kienetx ġiet notifikata lilu , u ma jistax ma jinnotax il-mod sistematiku kif l-attrici ttentat tizvijja lil din l-Onorabli Qorti.

6. Illi ġaladarba d-digriet tat- 2 ta Novembru 2023 ma fihx raġunijiet li jimmotvaw id-decizjoni l-esponenti . jista biss jissuponi li l- Qorti hadet inkonsiderazzzjoni l-argumenti miġjuba fit-twegiba tal-attrici

7. Illi jirrizulta li l-attrici fir-risposta taghha ittentat taghti l-impressjoni illi talba tal-esponenti kienet intiża li jkollha effett retroattiv , irid jinghad qabel xejn li mkien fit-talba tieghu l-esponenti ma kienx qed jitlob li jithassru l-effetti tad-digrieti tal-manteniment sa llum. Ghad li l-esponenti jaghraf li l-attrici ilha tghix f'relazzjoni ma' GP ghal diversi snin, u ghalhekk huma jichadx li jista ikoll u raġuni valida biex jitlob li hija titlef id-dritt taghha ghal-manteniment , sa minn meta hija kkomettiet adulterju . It-talba tieghu fir-rikors tas- 17 ta' Ottubru 2023 kienet ibbażata fuq l-istat attwali u fuq il-premessa li l-esponenti ma ghandux jibqa mghobbi b' ordni ghal hlas ta' manteniment favur persuna li ghandha lil haddiehor li isostniha , u li qieghda f' relazzjoni mieghu. Dak li talab l-esponenti, kien li ma ghandux jibqa' in vigore , l-ebda ordni ta' manteniment fuqu llum . Ma nghatat ebda raguni ghala dit-talba speċifika ma ghandix tintlaqa'. Mhux michud mill-attrci stess, anzi huwa ammess minnha , illi GP huwa l-mahbub taghha u joffrila sapport finanzjarju qawwi. Fid-dawl tal-Gurisprudenza diġà citata fir-rikors tas- 17 ta' Ottubru 2023 , l-attrici ma ghadhix dritt li tibqa mantenuta mill-espoeneti.

8. Illi l-attrici fir-risposta taghha sostniet li talba tas- 17 ta' Ottubru 2023 kienet biss ripetizzjoni ta' talba ohra preċedenti biex jitnehha manteniment tal-attrici. Bi-rispett kollu pero' l-atti tal-kawza, jitkellmu wehidhom , u hu car daqs il-kristall , li mil-provi prodotti f' dawn l-ahhar xhur, irrizulta car li l-attrici tinsab f' relazzjoni ma' GP li hu stess jipprovdi ghall-ghixien taghha, li li hija taghmel xi xoghol li tieghu tithallas - u mhux kif qed ssostni precendentament li ma tahdem xejn . Fid-dawl ta' dan kollu

, ma kienx hemm ebda raġuni kwalsiasi li dil-Onorabbli Qorti, tikkonkludi li l-esponenti ghandu jibqa' jhallas ghall-manteniment lil attriċi.

**9.** Illi jiġi rilevat ukoll, li l-ammonti li tikkwota l-attrici fir-risposta taghha lanqas ma huma korretti, ezempju, hija tghid li l-attrici tircivi medja ta' 5600 Euro fis-sena, minghand GP mentri l-statements bankarji esebiti jixhdu li hija rċeviet medja ta' 7,000 Euro f' sena fuq medda ta' 9 snin u dana apparti flejjes ohra li jistghu ma jidhrux u apparti ukoll ammonti sostanzjali ohra bhal eżempju somma ta' hdax - il elf Euro li -attrici rċeviet minn kumpanija ta GP - Vinson Limited.

**10.** Illi huwa assolutament irrelevanti ghar-rikors tal-esponenti x' intorjtu ghandu l-esponenti. L-esponenti ma ghamilx talba biex il-manteniment jonqos ghax hu ma ghandux minn fejn ihallas . It-talba tieghu kienet sempliċiment ibbażata fuq il-fatt illi fil-ligi, l-attrici ma hiex intitolata ghal aktar manteniment, ghaliex hija qieghda f' relazzjoni ma' haddiehor. Ghalhekk ukoll huwa kompletament irrilevanti, jekk l-esponenti qabbadx avukati bil-hlas jew le. Wara kollox, l-esponenti jinnota li l-anke l-attrici ma rrikorrietx ghand avukati tal-Ghajnuna legali, lanqas meta skont hi ma kelhix manteniment biex tghix. Huwa bil-wisq evidenti, fil-fatt il l-attrici ma ghandhix bzonn il-manteniment tal-attur, u ghaddejja hajja ta' lussu , b' safar kontinwu u infiq sostanzjali minghajr il-htiega ta' xi sapport mil-esponenti.

**11.** Illi lanqas ma jaghmel sens dak li tghid l-attrici meta hija ssostni li iva ghandha mahbub jismu GP , iżda li ma tikkunsidrax ruhha f; relazzjoni mieghu anka jekk tassew GP , ma jghix dejjem Malta l-attrici filfatt ghandha relazzjoni intima mal- istess P, dan hu stat ta' fatt li pperdura ghal diversi snin . L-attrici ma cahditx li GP jmantiha u jserrahha. Inoltre lanqas huwa rilevanti jekk l-esponenti ghandux relazzjoni ma' haddiehor, billi a differenza tal-attrici, qatt ma talab manteniment minghand il-konjugi. Dak li jghodd f' ghajnejn il-ligi , huwa jekk il-parti fiz- zwieg kisirtx l-obbligi

ta' fedelta' , f' dak il-kaz, allura dik il-parti tiddekadi mid-dritt ta' manteniment - anka jekk l-infedelta' tkun twettaq żmien twil wara li z-zwieg ikun diga' imfarrak ) il-fatt li r-relazzjoni ma' terzi, tinbena wara diversi snin , li jkun tfarrak iz-zwieg, ma jnaqqas xejn mil- fatt li sakemm iz-zwieg ghadu ma ġiex mahlul, dik ir-relazzjoni titqies bhala adultera.

**12.** Illi ghal dawn ir-ragunijiet , kollha u ghal dawk kollha li jsitghu jirriżultaw minn trattazzjoni ta' dan ir-rikors hemm ragunijiet gravi li ghalihom id-digriet tat-2 ta' Novembru 2023 ghandu jiġi mhassar u minflok it-talba tas- 17 ta' Ottubru 2023 ghar-revoka contario imperio ta' digriet dwar manteniment, tiġi milqugha.

**13.** Illi l-esponenti jidhrilu ghalhekk li hemm lok biex hu jinghata permess sabiex jappella mid- digriet tat- 2 ta' Novembru 2023 billi l-istess digriet gie moghti minghajr ma l- Qorti tat raġunijiet ghad-decizjoni taghha u jekk in pessima ipotesi tali digriet kien ibbażat fuq r-ragunijiet moghtija mill - attrici fi-risposta taghha , mela allura ukoll, id-digriet hu bbazat fuq argumenti irrelevanti u fattwalment skorretti kif miġjuba mill-attrici.

**14.** Illi l-esponenti jissottometti ukoll li jkun opportun li hu jinghata fakultà li jappella stante li din hija kwistjoni ta' flejjes konsidervoli - mehud ukoll in konsiderazzjoni l -fatt li manteniment ordnat m ill -Qorti kien wiehed

gholi ), u ghalhekk mhux fl-interess tal- gustizzja li dil-kwistjoni, tiġi rimandata sal-gudizzju finali .

**Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti qed jitlob umilment lil dina Onorabbli Qorti, sabiex;**

1. **Takkorda l- esponenti il-permess sabiex jappella minn digriet ta ' dil-- Onorabbli Qorti, tat- 2 ta' Novembru 2023,**
2. **Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel talba, tghaddi sabiex ttirrkonsidra id-decizjoni taghha kontenuta fid-digriet tat- 2 ta' Novembru 2023 u minflok, tilqa' it-talba tal-esponenti tas- 17 ta' Ottubru 2023.**

**D**ejjem salv kwalsiajasi provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

**Rat ir-risposta ta' SS** datat 7 ta' Dicembru 2023 , tesponi bir-rispett li l-esponenti ma tistax ma tosservax li f' inqas minn xahar, l-intimat rega ' qed jitlob ghal-istess talba, b' addizzjoni ta' talba sabiex jingħata dritt li jappella., nonostante li jaf ben sew li din l-ahhar talba ma tistax issir.

Illi l-esponenti ser tghaddi biex tirribatti fil-qosor il-kontenut ta' rikors, qabel ma tghaddi ghall-oggezzjonijiet legali taghha.

a. Mhux ser li l-intimat jipprova jitfa dawl iktrah fuq l-esponenti u l-avukat difensur taghha , sempliciment ghaliex ma qabilx ma' deċiżjoni li tat l-Qotrti, kif jirrizulta ben sew, mill -atti l-esponenti halset ghal notifika lid-difensur tal-konvenut, u dan prorju mal-prezentata li ġiet mhallsa fit-

30 ta’ Ottubru 2023 u cjore’ fil-gurnata li hija pprezenat l-istess risposta taghha.

b. Illi naqas milli jghid li hu ghogbu jipprezenta repika tar-rispost u dana mhux biss meta hu possibbli proceduralment iżda lanqas ghogbu jottjeni l-awtorizzazzjoni ta’ dil- Onorabbli Qorti .

c. Illi hu car daqs il-kristall , li talba tal-konvenut hija wahda sabiex tapplika retroattivament dan di fatt li gie osservat fid-diversi risposti precedenti tal-esponenti, u cjoe’ dawn l-ahhar 16 -il risposta li intavolat rigward talba identika ghal 16 ir-rikors li ntavol al-konvenut.

d. Illi ghal dal-fatt , li l-konvenut qed jibbaża it- talba tieghu ghaliex l-esponenti hija f’ relazzjoni, kif hija spjegat, hija ma hix f’ relazzjoni hekk kif qed jipprova jfisser l-konvenut , tant hu minnu li GP , lanqas biss jghix Malta , u ghal darba ohra b’ kull dovut rispett , semplimiciment huwa l-mahbub , kif hija spjegat fir-risposta estensiva taghha.

e. Illi hija ma hiex ser tidhol fuq allegazzjonijiet fiergha tal-konvenut, u akkuzi malafamanti li hija kkomettiet l-adultejru o meno . Huwa car u in ekwivoku it- tbatija li ghaddiet minnha l-esponenti minhabba l-agir kriminali tal-konvenut, li ghadu sal-gurnata tbatieh illum. Ghal del resto , taghmel referenza ghar -risposta taghha datata 30 ta’ Ottubru 2023.

f. Illi assolutament mhux minnu li l -esponenti qarqet b; dil-Onorabbli Qorti u di fatti ma kienx hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi f’ dar-rigward;

Illi in kwantu ghal-ewwel talba tieghu u cjoe’ talba sabiex il-konvenut jiġi awtorizzat sabiex jappella mid-digriet ta’ din l-Qorti, l-konvenut jargumenta li hu ghandu jinghata l-fakolta’ sabiex jithassar dad-digriet ta’ dil-Onorabbli Qorti, ghaliex ma kienx motivat. L-esponenti tosserva li b’ kull dovut rispett , l-konvnent u l-avukati difensuri tieghu , jafu ben tajjeb

li digriet bhal ma huwa dak ta'manteniment ma ghandhux ghalfejn ikun motivat

Illi di piu', hekk kif deddatt permezz tal-artikolu 229 tal-Kap 12 ta' Ligijiet ta' Malta , huma biss dawk it-tip ta' digrieti elenkati f' dil-klawzola (1) u (2) li jista' jsir appell minnhom , illi digriet ta' manteniment ma hux kontemplat f 'dawn is-subartikoli, dan ghaliex digriet ta' manteniment u lanqas ma hu digriet interolukotorju taht is-sub arikolu (3) u dan ghaliex ma jiregolax l-andament tal-proceduri tal-kawza. Di piu, f' dal-kaz, t-talba ma saritx la fit-terminu rikjesti mil -ligi, iżda saret 25 jum wara u lanqas kien digriet li jirrikjedi li jinqara bil-miftuh.

Illi fil-kaz Paul Tanti vs Sammy Mifsud datata 19 ta' Novembru 2011 (App Sup ) il-Qorti qalet;

> *Ezami akkurat tal-artikolu 229 ghandu juri li legizlatur b' din id-disposizzjoni ried, li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digriet moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovi ghal digrieti kamerali u interlokatorji , ta kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le, isir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f' awk il-kazijiet fejn digriet interlokatorju seta' jiġi appellat qabel sentenza defnittiva, id-*disposizzjoni *timponi proċedura li kellha tiġi segwita. Id-*dispisizzjoni *però taghmilha cara li dawn il-provvredimenti kienu japplikaw biss ghal digriet msemmija fis- -sub incizi 1 u 2 tal-istess artikolu u ghal kull appell ' minn kull digriet interlokatorju iehor u mhux inkluż fis-*sub artikolu *1 u 2 ta' dal-artikolu ' Dan ifisser li jekk id-*digriet *maikunx wiehed interlokatorju , naturalment ukoll jekk ikun kamerali - dana kif*

*qed jiġi definit li hu digrtiet taht eżami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussehwenti 4, 5 u 6 huma lkoll marbutin mad-disposizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi 1 u 2 .*

Illi fil-kaz ***Joseph Camilleri, vs Nadia Vella***, datata 9 ta' Lulju 2020 - appell superjuri , f' kwistjoni simili fejn kien sar appell fuq digriet pendenti lite dar aċċess. Il-Qorti qalet li artikolu 229 (3) japplika ghall istess tip ta' digriet bhal eżempju, digriet iehor dwar kwistjoni tal-lingwa. – ara ukoll **Steven Caruana vs Lucy May Bailey,** datata 26 ta' Jannar 2018 – appell superjuri fejn il-Qorti, tal-Appell ukoll l-appell dwar aċċess ta' minuri stante li dat-tip ta' digriet ma hux ta' natura interlokatorju ghaliex ma jirregolax l-andament tal-proceduri. Di piu, l-istess sentenza tikkonferma, li *filfatt gie kkonfermat diversi drabi mill- Qrati taghna li appell minn digriet li ma jirrigwardax l-andament tal-proceduri li fih jingħataw – bhal ma huma per eżempji digriet proviżorji li jirregolaw s-sitwazzjoni fil-mertu sakemm tinghata sentzna finali , huma nulli.* Illi ghalhekk il-Qorti kienet cahdet l-appell, stante li talba ghall appell ma tinkwadrax ruhha ma' tip ta' digrieti kontemplati fl-artikolu 229 (3) Kap 12.

Illi Kif gie aktar spjegat fil-kaz ta' ***Mary Cassar vs Edward Cassar***, deċiż 27 ta' Mejju 2016 -appell superjuri, hekk kwotat fil-kaz Camilleri vs Vella, *' appell minn digriet moghti fi proceduri ta' separazzjoni personali fejn intlaqghet it-talba tar -rikorrenti biex terga tidhol fid-dar matrimonjali , ma jistax jitqies bhala wiehed ta' natura interlokutorja peress li mhux intiza biex jirregola l-andament tal-proceduri li fih inghata. Ghalhekk*

*ikkonkludiet li ma jinkwadrax taht l-artikolu 229 (3)* u ghaldaqstant il-Qorti kienet cahdet it- talba.

Illi in oltre l-esponenti, tirreleva li bla dubju il-Onorabbli Qorti, waslet ghal gudizzju taghha, wara qari akkurat tar-rikors u r- risposta tal-partijiet. Illi ghaldaqstant , u dan abbażi ta' diversi sentenzi moghtija mil-qrati taghna digriet pendente lite li jirregola il- manteniment ma jistax jitqies li hu digriet interlokatorju , ghall- kuntrarju ta' dan li qed jghid l-attrici, u ghaldastant it- talba ghandha tiġi michuda fl-intier taghha.

Illi in kwantu ghat-tieni talba , l-esponenti qed toggezzjona ghaliha u dan mhux biss ghaliex fi żmien xahar ma kienx hemm tibdil fic-cirkostanza, iżda ukoll ghal bosta raġunijiet , msemmija sew fil-preliminari ta' dir-risposta, kif ukoll dawk imsemmija fir -rispota taghha datata 30 ta' Ottubru 2023 .

Illi ghal dar-ragunijiet premessi l-esponenti hija tal-umili opinjoni, illi talbiet tal-intimat dedotti minnu fir-rikors tieghu datat 8 ta' Mejju 2023 , hija ghal kollox fiergha u ghandha tiġi michuda.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-artikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jtenn hekk:

> *(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan*

> *isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell.*

Illi dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk id-digriet li qed jittenta jappella minnu l-konvenut jinkwadrax fid-dispost tas-subinciz 3 tal-istess artikolu. Dan is-sub-inciz huwa ta' natura residwali u japplika ghal kull "digriet interlokutorju iehor" li jinghata fil-kors tal-proceduri u li ma jaqax taht is-sub-incizi 1 u 2;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

> "Dwar il-materja li titratta l-appellabbilita` ta' digrieti moghtija fil-kors ta' proceduri hija relevanti s-segwenti osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza **Paul Tanti et v. Sammy Mifsud**: *"Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-dispozizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell "minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-*

*subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu". Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk jkun kamerali) l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4), (5) u (6) huma lkoll marbutin mad-dispozizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2)."*[1]

Illi ssir referenza ghall-Appell fl-ismijiet **Angiolina Bartolo v Emmanuel Gauci et**[2], f'liema din l-Onorabbli Qorti kienet tenniet hekk:

*"Il-Qorti tosserva illi llum, wara l-bdil li sehh bis-sahha tal-emendi li saru fl-1995 fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, id-dritt ta' appell minn dikrieti huwa regolat bl-art. 229 kif sostwit bl-art. 113 tal-Att XXIV tal-1995 u li bis-sahha tieghu giet superata l-gurisprudenza ta' qabel.*

*Id-distinzjoni li jaghmel l-art. 229 ma hijiex bejn dikrieti interlokutorji u dawk definittivi izda biss bejn (i) dikrieti li ma jistax isir appell minnhom jekk mhux flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva, (ii) dikrieti li jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva, u (iii) dikrieti "residwali" illi jista' jsir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva izda biss bil-"permess specjali" tal-qorti. Id-dikrieti li jissemmew fl-art. 229(1) u (2) huma kollha "interlokutorji" ghax ebda wiehed minnhom ma jaqta' l-kwistjoni li tifforma l-meritu tal-atti li fihom jinghataw dawk id-dikrieti, u post se exspectant sententiam, waqt illi l-art. 229(3) – li johloq il-kategorija "residwali" - jirregola "appell minn kull dikriet interlokutorju iehor". Il-konkluzjoni trid bilfors tkun illi l-art. 229 jaghti dritt ta' appell*

[1] Qorti tal-Appell, Cit. Nru. 420/07, **Mary sive Marielle Cassar v Edward Cassar**, deciz fis-27 ta' Gunju 2016
[2] Qorti tal-Appell, Cit. Nru. 50/87, **Angiolina Bartolo v Emmanuel Gauci et**, deciz fl-24 ta' Gunju 2016

*minn dikrieti interlokutorji biss. Certament, ma jaghtix dritt ta' appell minn dikriet bhal dak de quo" li la jissemma fl-art. 229(1) jew (2) u lanqas jaqa' fil-kategorija "residwali" tal-art 229(3) billi ma huwiex dikriet interlokutorju. "… "Il-konkluzjoni korretta fil-fehma tal-Qorti hija illi r-regola generali hija illi ma jinghatax appell minn dikrieti hlief fejn id-dritt ta' appell jinghata espressament taht l-art. 229, (..omissis..)".*

**IKKUNSIDRAT:**

Illi d-digriet li l-konvenut qed jittenta jappella minnu huwa digriet li inghata *pendente lite* li jirregola l-h;as ta' manteniment ghall-attrici.

Tali digriet ma jirrigwardax l-andament tal-proceduri odjerni u lanqas ma huwa wiehed definittiv peress li minnu nnifsu hu ta' natura provizorja intiz biex jirregola temporanjament is-sitwazzjoni fil-mertu bejn il-partijiet sakemm tinghata s-sentenza finali u ghalhekk mhux digriet li jirraffigura taht l-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kwantu ghat-tieni talba, ma gew prodotti ebda provi godda li wrew bdil fic-cirkostanzi tal-partijiet.

**DECIDE:**

Illi ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, din il-Qorti tichad it-talba tal-konvenut kif dedotta fir-rikors tieghu tas-27 ta' Novembru 2023.

Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

**Imħallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**